# San Ġorġ Preca (1880-1962)

**Mis-Superjur u Soċi**
*MUSEUM Subien Paola*

San Ġorġ Preca twieled fil-Belt Valletta nhar it-12 ta' Frar 1880 u kien is-seba' wild fost disa' ta' Vinċenz u Natalina nee' Ceravolo.Ftit wara twelidu, marru joqogħdu l-Ħamrun fejn qatta', tista' tgħid il-bqija ta' ħajtu. Bħala tifel kien kwiet, għalkemm ma kienx nieqed mill-avventuri li jakkumpanjaw lil ħafna tfal, bħal meta darba kien "seraq" gandlier mill-knisja, ħadu d-dar u naddfu. Meta lesta ħadu lura l-knisja u qala' ċamata mingħand il-Kappillan u minn dakinhar lil hawn qatt iktar ma ra l-gandlier f'għomru!



Meta beda jikber, beda jattendi l-Liċeo u wara s-Seminarju u darba wara l-iskola kien miexi ma' wieħed mill-għalliema tiegħu Dun Ercole Mompalao u xħin kienu l-Mall il-Furjana, Dun Ercole dar fuq iż-żagħżugħ Ġorġ u pprofetizzalu: "Preca, int għad tikber u nies li jħobbu lil Alla jsiru ħbieb tiegħek u inti ssir ħabib tagħhom: int issib xortik permezz tagħhom u huma jsibu xortihom permezz tiegħek."



Imma forsi l-kliem ta' Dun Ercole Mompalao, Ġorġ ma kienx qed jemmen fihom meta ftit snin wara din il-ġrajja marad serjament u kien f'xifer il-mewt, għax kellu pulmun tax-xellug niexef. It-tabib, Enrico Meli qal lil missieru: "Tixtrilux la pjaneta u lanqas spellizza għax it-tifel mhux għal magħna", peress li ftit ġimgħat wara kien imiss l-ordinazzjoni tas-seminarista Ġorġ. Imma b'miraklu, ftit jiem biss qabel l-ordinazzjoni, Ġorġ fieq, ħa saħħtu u ġie ordnat saċerdot fit-22 ta' Diċembru 1906. Meta kiber, kien iħobb jiċċajta: "Missieri miet, il-Profs. Meli miet u jien għadni ħaj biex inxandar il-kelma ta' Alla."

Kien proprju fl-1906 li Ġorġ beda jiltaqa' ma' grupp ta' żgħażagħ fil-Ħamrun fejn f'Marzu 1907 fetaħ l-ewwel dar tat-tagħlim magħrufa bħala

M.U.S.E.U.M. (Magister Utinam Sequatur Evangelium Universus Mundus – Mgħallem, mhux li kien li d-dinja kollha timxi wara l-Evanġelju). Minn hemm ma qatax qalbu u kompla jħares 'il quddiem u permezz tas-sagrifiċċji u l-ħeġġa ta' ħafna soċji beda jiftaħ djar madwar Malta u Għawdex.







## San Ġorġ Preca u Raħal Ġdid

Għall-grazzja ta' Alla, Raħal Ġdid kien wieħed mill-ewwel postijiet fejn bdiet tixxandar il-kelma ta' Alla permezz tal-Museum għax kien proprju fl-1909 meta fetaħ il-qasam tal-Museum tas-Subien fil-pjazza (maġenb iċ-Ċentru tas-Saħħa). Ftit tas-snin wara, il-qasam mexa għal Triq Sammat sakemm fl-1965 mexa fi Triq l-Arkata fejn għadu hemm sal-lum.

Kif nafu ukoll, il-qasam tal-Bniet kien l-ewwel wieħed li fetaħ f'Raħal Ġdid fl-1910, faċċata ta' fejn jinsab il-Museum tal-Bniet illum. Fl-1957, is-Soċjetà tal-Museum kienet qed tfakkar il-50 Anniversarju mit-twaqqif tagħha u ċ-ċelebrazzjonijiet ta' dik is-sena ntemmu proprju fil-parroċċa tagħna, fit-18 ta' Awwissu 1957, fejn kien hemm fost l-oħrajn l-Arċisqof Mikiel Gonzi, Dun Ġorġ Preca u Ewġenju Borg l-ewwel Superjur Ġenerali.

Ħafna qabel ma l-parroċċa tagħna kienet iddedikata lil Kristu Re, Dun Ġorġ Preca kellu devozzjoni kbira lejn Kristu Sultan Imsallab, għax kien proprju fuq is-salib li Ġesù wera kif għandu jkun mexxej: iħalli ħajtu għall-ħbiebu. Fil-fatt, it-talba li kien spiss itenni San Ġorġ Preca, illum qiegħda żżejjen id-dawra tal-koppla tal-knisja tagħna: "Kristu Sultan Imsallab Ejjew Naduraw".

## U llum?

Illum lil Dun Ġorġ Preca nsejħulu San Ġorġ Preca u s-Soċjetà tiegħu għadha ħajja mhux biss f'Malta u f'Raħal Ġdid imma anke barra minn Malta bħal Perù, il-Kenja, il-Polonja u postijiet oħrajn. Ejjew flimkien inkomplu nitolbu lil Alla għal iktar vokazzjonijiet Museumini, anke mill-parroċċa tagħna, biex verament dak li waqqaf San Ġorġ Preca iktar minn 100 sena ilu jkompli jħalli l-frott fil-parroċċa tagħna u fid-dinja kollha.

Il-Paċi Magħkom